MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1503/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta’ Claire Elshkmak nee’ Debono u l-istess Claire Elshkmak nee’ Debono
vs**

**Oreste Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta’ Lulju, 2003, fejn intalab il-hlas ta’ erba’ mija u sebghin lira Maltija u centezmu (Lm470.01) u fejn intalbet dikjarazzjoni li l-konvenut kien resaponsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-24 ta’ April, 2000, f’B’Bugia bejn Fiat Tipo nru. IAA-032 misjuqa mill-attrici u ERF nru EAH-075 misjuq mill-konvenut u kundanna lill-konvenut li jhallas, in linea ta’ danni, Lm445.01 lill-Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm25 lill-attrici (Dok.P);**

**Bl-ispejjez, komprizi Lm17.25 ta' konsult, dawk ta' l-ittra ufficjali lill-konvenut tat-8 ta' Marzu, 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenut li biha ammetta t-talba attrici.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa' t-talba, jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sebghin lira Maltija u centezmu (Lm470.01) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi Lm17.25 ta' konsult, dawk ta' l-ittra ufficjali lill-konvenut tat-8 ta' Marzu, 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap.104 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------